**29 ta' Ottubru, 1984**

**Imħallfin:-**

**Onor. Wallace Philip Gulia LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A. (Admin.) (Manch.), D.P.A. (Lond.)**
**Onor. Stephen Borg Cardona B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

L-E.T. Rev.ma Monsinjur Arċisqof Giuseppe Mercieca *pro et noe*

*versus*

L-Onorevoli Prim Ministru *noe et*

**Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem - Libertà - Kuxjenza - Espressjoni - Hbieb - Assoċjazzjoni - Reliġjon - Xhud - Espert - Ammissibbilità - Rilevanza - Qorti - Prim'Istanza - Diskrezzjoni**

*Kawża dwar validità ta' liġi li kienet tirregola t-tmexxija ta' skejjel gestiti mill-Knisja Kattolika u dan minħabba leżjoni tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem għal-libertà ta' ħsieb, espressjoni, assoċjazzjoni, reliġjon u kuxjenza. Fil-kors tal-kawża r-rikorrent talab li jipproduċi espert biex jixhed dwar it-tagħlim tal-Knisja Kattolika fir-rigward tal-libertà ta' reliġjon. Wara opposizzjoni ta' l-intimati l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet li tammetti l-produzzjoni ta' dan ix-xhud. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Ix-xhieda in kwistjoni kienet rilevanti u pertinenti għall-materja in kwistjoni. Inoltre, il-Qorti osservat li, f'materja ta' produzzjoni ta' xhieda, Qorti ta' Appell rarament tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti ħlief għall-motivi gravi u preċiżi.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ippreżentat quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivli li bih ir-rikorrent l-E.T. Rev.ma Monsinjur Arċisqof Giuseppe Mercieca *proprio et nomine*, għar-raġunijiet dettaljatament imsemmija fl-imsemmi rikors, allega li l-Att IX ta' l-1984 kif ukoll il-kondizzjonijiet ta' liċenza dwar xi skejjel tal-Knisja msemmija fir-rikors, li t-tieni intimat, l-Onor. Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru ta' l-Edukazzjoni ried jimponi, kemm weħidhom kif ukoll kumulattivament jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fondamentali protetti mill-Kostituzzjoni u ċjoè mill-artikolu 41 (Dritt tal-Libertà tal-

Kuxjenza u Qima), mill-artikolu 42 (Dritt tal-Libertà ta' l-Espressjoni) u mill-artikolu 39 (Protezzjoni għall-intimità tad-Dar jew Proprjetà oħra), mill-artikolu 46 (Protezzjoni minn Diskriminazzjoni) u mill-artikolu 38 (Protezzjoni minn Privazzjoni ta' proprjetà bla kumpens) u għalhekk ir-rikorrent talab li dik il-Qorti tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk id-direttivi li tqis xierqa biex twettaq u tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fondamentali fuq imsemmija, fosthom illi tannulla l-artikoli 2 u 4 ta' l-Att IX ta' l-1984 u l-kondizzjonijiet u ħtiġijiet annessi mal-liċenzi offerti li t-tmien skejjel tal-Knisja (Dok. C) bħala ripunjanti għad-drittijiet fondamentali protetti mill-Kostituzzjoni. Bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-intimati li biha, oltre eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, ċaħdu li kien hemm xi ksur di fronte r-rikorrent ta' l-artikoli tal-Kostituzzjoni minnu msemmija u dan għar-raġunijiet imsemmija fl-istess risposta;

Rat il-verbal redatt fl-udjenza tat-22 ta' Awissu, 1984 li minnu jirriżulta li waqt li kien qed jixhed Fr. George Grima, prodott mir-rikorrent, l-Av. Dr. Paul Mallia għar-rikorrent, qal li xtaq jisma' mingħand ix-xhud espert in materia, u b'mandat mingħand ir-rikorrent x'inhu t-twemmin tal-knisja dwar il-libertà reliġjuża b'mod partikolari dwar id-dritt tagħha li jkollha u żżomm l-iskejjel tagħha u dana fid-dawl tant tad-dokumenti *pontifiċji kemm fid-dawl ta' l-istess Kodiċi Kanoniku;*

Rat li fl-istess udjenza ġie vverbalizzat hekk:

"L-intimati jopponu l-produzzjoni ta' dan ix-xhud in kwantokke hu espert *ex parte* mhux permess skond il-liġi u għalhekk x'tafferma l-knisja kattolika dwar l-iskejjel tagħha mhux il-kwistjoni li għandha l-Qorti quddiemha li hija limitata biss għall-eżami tal-fatti jekk l-emendi reċenti għal-liġi dwar l-

Edukazzjoni u l-kondizzjonijiet proposti tal-liċenzi jivvjolawx b'xi mod id-drittijiet mhux tal-libertà reliġjuża iżda dawk ikkontemplati fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ċjoè l-libertà tal-kuxjenza u d-dritt tal-kult;

Dr. Mallia jikkjarifika li meta semma d-dritt tal-libertà reliġjuża hu kien qed jirreferixxi għad-drittijiet fondamentali protetti mill-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni li skond it-teżi tar-rikorrent jiggarantixxu f'Malta l-libertà reliġjuża. Ikompli jissottometti li hu għall-Knisja Kattolika, rappreżentata f'dan il-ġudizzju mir-rikorrent, tipprova d-dottrina tagħha, f'dan il-qasam u fit-tieni lok li l-atti leġislattivi msemmija mill-intimati kisru fost affarijiet oħra dan id-dritt fondamentali tal-libertà reliġjuża;

L-intimati jirrispondu li l-Qorti hija biss vestita bil-poter mhux li tara jekk, il-miżuri leġislattivi u amministratti *de quo* jmorrux kontra xi dritt ivvantat mill-Knisja Kattolika skond id-dottrina tagħha iżda jekk jilledux id-drittijiet fondamentali ta' l-individwu tal-libertà tal-kuxjenza u d-dritt tiegħu tal-kult";

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti mogħti ukoll fit-22 ta' Awissu, 1984, li bih laqgħet it-talba tar-rikorrent sabiex jagħmel il-prova mitluba, spejjeż riservati għall-ġudizzju finali - wara li kkunsidrat:

"Illi l-intimati qed jibbażaw l-opposizzjoni tagħhom fuq żewġ raġunijiet:

Illi x'tafferma l-Knisja Kattolika dwar l-iskejjel tagħha mhix il-kwistjoni li għandha quddiem l-Qorti, li hija limitata biss għall-eżami tal-fatt jekk l-emendi reċenti għal-liġi dwar l-Edukazzjoni (i.e. dawk introdotti bl-Att IX ta' l-1984) u l-kondizzjonijiet proposti tal-liċenzi jivvjolawx b'xi mod id-

drittijiet, mhux tal-libertà reliġjuża, iżda dawk ikkontemplati fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ċjoè l-libertà tal-kuxjenza u d-dritt tal-kult; u

Illi x-xhud in kwistjoni ġie ddikjarat mir-rikorrent stess bħala espert in materja, u l-produzzjoni ta' xhud bħala espert *ex parte* mhix premessa skond il-liġi;

Illi l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni jipproteġi l-libertà ta' kuxjenza u qima, billi fis-subartikolu (1) jipprovdi hekk: "Il-persuni kollha f'Malta għandu jkollhom libertà sħiħa ta' kuxjenza u jgawdu l-eżerċizzju liberu tal-mod rispettiv tagħhom ta' qima reliġjuża" (Fit-test Ingliż: *All persons in Malta shall have full freedom of conscience and enjoy the free exercise of their respective mode of worship*). Iż-żewġ subartikoli l-oħrajn ta' l-istess artikolu jsemmu l-każi meta jista' jkun hemm restrizzjoni ta' dan id-dritt fondamentali;

Illi għall-kwistjoni in eżami, il-kliem operattiv huma "libertà sħiħa ta' kuxjenza" u ċjoè x'portata għandu jkollhom dawn il-kliem, jew preċiżament jekk dan il-kliem jinkludix ukoll libertà ta' reliġjon;

Il-kelma *conscience* hija mfissra fid-dizzjunarju bħala "*the consciousness within oneself of the choice one ought to make between right and wrong*" (The Advanced Learner's Dictionary of Current English, p. 202); filwaqt li l-kelma *religion*, fost tifsiriet oħrajn, iġġib dik ta' *matter of conscience* (*op. cit.* p. 828). Għalhekk id-dritt tal-libertà tal-kuxjenza ċertament jinkludi d-dritt li persuna tabbraċċja xi reliġjon, tkun liema tkun, minkejja li skond l-artikolu 2 tal-Kostituzzjoni "Ir-reliġjon ta' Malta hija r-Reliġjon Kattolika Appostolika Rumana"; kif ukoll id-dritt li persuna ma tabbraċċja l-ebda reliġjon. Fi kliem ieħor l-espressjoni *libertà tal-kuxjenza* tikkomprendi *l-libertà*

tar-reliġjon, u hija espressjoni aktar wiesgħa mill-kelma reliġjon nfisha. Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-fatt li skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 41 ħadd ma jista' jiġi mġiegħel jirċievi tagħlim fir-reliġjon, ħlief fil-każ ta' dawk li jkunu jirċievu struzzjoni għall-ammissjoni għas-saċedorzju jew għal ordni reliġjuża, jew għal għanijiet oħra reliġjużi. Inoltre, tant tirrispekkja r-reliġjon fl-espressjoni "kuxjenza", li milli jidher lanqas inħasset in-neċessità li jiġi implimentat is-subartikolu (3) li kien inkluż fl-abbozz oriġinali tal-Kostituzzjoni, u ċjoè illi "*No person shall be subject to any disability or be excluded from holding any office by reason of his religious profession*";

Għalhekk taħt l-ewwel aspett tar-raġuni avvanzata mill-intimati l-oġġezzjoni tagħhom mhix sostenibbli;

Tmiss issa li jiġi kkunsidrat it-tieni aspett, u ċjoè jekk ix-xhud huwiex "perit" *ex parte*. Għalkemm id-difensur tar-rikorrent beda biex qal li x-xhud huwa espert fil-materja li fuqha nġieb biex jixhed, dan ma jfissirx neċessarjament li x-xhud ser ikun "perit" fis-sens stabilit fl-artikoli 644 sa 682 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Huwa veru li f'dak il-każ il-Qorti tagħżel li taħtar perit hija indipendenti, u mhux toqgħod fuq perit *ex parte* għax il-ġustizzja mhux biss trid issir, imma anke kif ngħidu tidher li qed issir. Iżda, f'dan il-każ l-iskop tal-produzzjoni tax-xhud in kwistjoni huwa biex jgħid x'tipprofessa u x'tasserixxi l-Knisja Kattolika fir-reliġjon tagħha, u f'dan is-sens ġie ddikjarat bħala espert in materja, jiġifieri bħala l-bniedem idoneu u intiż biex jixhed fuq is-suġġett. Għalhekk anke t-tieni aspett ta' l-oġġezzjoni ta' l-intimati mhuwiex sostenibbli;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, il-prova li hija intiza li ssir ·ʳ tax-xhud in kwistjoni hija rilevanti għall-kawża u ·tess xhud huwa ammissibbli";

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-intimati Onorevoli Prim Ministru in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta u l-Onorevoli Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru ta' *l-Edukazzjoni, li* bih talbu li dina l-Qorti jogħġobha tilqa' l-opposizzjoni ta' l-appellanti għall-produzzjoni ta' Dun Ġorġ Grima u tirrevoka d-digriet relattiv mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija, bl-ispejjeż, għar-raġunijiet li kienu sejrin jissemmew waqt it-trattazzjoni tal-kawża u għar-raġunijiet imsemmija fl-istess rikors, u ċjoè:

"Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti:

Fl-inammissibilità bħala xhud ta' persuna li l-parti l-oħra trid tressaq bħala perit tagħha; u li trid li jixhed fuq materja li hija irrilevanti għall-kwistjoni kostituzzjonali li għandha quddiemha l-Qorti; u fi kwalunkwe każ mhix il-persuna li permezz tagħha tista' tingħata l-aħjar prova ad esklużjoni tar-rikorrent innifsu;

Id-digriet in kwistjoni fih pronunzjament skorrett tal-konċett kostituzzjonali tal-libertà tal-kuxjenza in kwantokke l-Qorti ma ddistingwietx bejn *libertà ta' reliġjon li mhux* imsemmija fil-Kostituzzjoni u libertà ta' kuxjenza li hija protetta mill-Kostituzzjoni;

Ir-Reverendu Ġorġ Grima ġie propost biex jiddependi skond id-dikjarazzjoni stess tar-rikorrent kif ivverbalizzata, bħala espert f'materja ta' twemmin u b'mandat tar-rikorrent. Bħala tali r-rikorrent qiegħed iressqu bħala perit *ex parte* dwar materja teknika li huwa kkwalifika bħala dak li joħroġ "fid-dawl tad-dokumenti Pontifiċji kemm fid-dawl ta' l-istess Kodiċi Kanoniku" u dana "b'mod partikolari dwar id-dritt tagħha *li* jkollha u żżomm l-iskejjel tagħha". Kwindi ma jista' jkun hemm ebda dubbju li dan se jixhed bħala perit;

Il-parti fil-kawża tipproduċi xhieda, iżda ma tistax tiġi permessa li tipproduċi perit *ex parte*. Min-naħa waħda x-xhud *jixhed fuq fatti li huwa jkun jaf di scienza propria u li huma* konformi mal-fatti esterni osservati minnu, u huwa suġġett għar-regoli kollha ta' kontroll għall-kredibilità dwar dak il-fatt, kif ukoll hu suġġett għal-limitazzjonijiet għar-rigward tad-deposizzjoni tiegħu bħala xhud. Min-naħa l-oħra l-perit huwa l-persuna esperta fil-professjoni jew sengħa, li tiġi nkarigata mill-Qorti biex tieħu konjizzjoni ta' xi materja involuta fil-kawża, tinvestiga u tissottometti l-opinjoni tagħha lill-Qorti biex tgħinha tasal għall-ġudizzju f'materji li jirrikjedu xjenza teknika. Il-perit jiġi nnominat mill-Qorti permezz ta' digriet interlokutorju li bih jingħata l-inkarigu u l-istruzzjonijiet kif għandu jimxi fl-espletazzjoni ta' dak l-inkarigu u effettivament *irid ikun* persuna *imparzjali li jaħlef li jaqdi fedelment* u onestament dak l-inkarigu tal-Qorti. Ċertament il-perit ġudizzjarju mhux xhud, ma jixhedx fuq fatti imma jagħti l-opinjoni fuq il-fatti deposti minn ħaddieħor jew minn provi skritti;

*Bla preġudizzju tal-fuq espost, ir-rikorrenti ressaq dan l-*espert *in materia* ta' "twemmin tal-Knisja dwar il-libertà reliġjuża b'mod partikolari dwar id-dritt tagħha li jkollha u żżomm l-iskejjel tagħha;

Skond ir-rikors tiegħu stess l-appellat qed jattakka l-Att u l-kondizzjonijiet in kwistjoni bħala li jilledu l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni. Din hi l-kwistjoni quddiem il-Qorti. Illi għalhekk biex xi prova tkun rilevanti din trid tkun intiża biex iġġib 'il quddiem fatti li juru li dak l-Att u l-kondizzjonijiet jilledu l-libertà ta' kuxjenza u ta' qima. Illi għalhekk x'tasserixxi jew ma tasserixxix il-Knisja fuq it-twemmin tagħha hu estraneu għall-kwistjoni u għalhekk il-produzzjoni ta' prova f'dak ir-rigward *hija irrilevanti;*

L-appellat indika lil Dun Ġorġ Grima biex jinġieb il-Qorti bħala espert "b'mandat mingħand ir-rikorrent". L-appellat hu l-Kap tal-Knisja f'Malta u ħadd aktar mill-istess Kap tal-Knisja, f'Malta mhu f'qagħda biex jgħid "x'inhu t-twemmin tal-Knisja ...". Skond il-liġi tagħna għandha titressaq fil-kawża l-aħjar prova li f'dan il-każ hi ta' l-appellat innifsu u għalhekk Dun Ġorġ Grima, anke bħala xhud mhux ammissibbli;

Għar-rigward ta' l-aggravju msemmi fil-paragrafu 7 (b), il-Kostituzzjoni tagħna tispeċifika taħt l-artikolu 41 libertà sħiħa ta' kuxjenza (*freedom of conscience*) u tgawdija ta' l-eżerċizzju *liberu tal-mod rispettiv* tagħhom (persuni) *ta'* qima *reliġjuża* (*enjoy the free exercise of their respective mode of religious worship*). Il-parti tal-Kostituzzjoni tagħha dwar id-drittijiet fondamentali ta' l-individwu hija ispirata mill-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-artikolu 9 ta' dik il-Konvenzjoni jgħid: "*freedom of thought, conscience and religion*" u għalhekk jiddistingwi bejn *freedom of conscience* u *freedom of religion*. Il-leġislatur tagħna żamm dik id-distinzjoni u ssostitwixxa l-*freedom of religion* bil-*mode of religious worship*. Kwindi, bir-rispett kollu hu skorrett għall-Ewwel Qorti li tgħid li *freedom of conscience* jikkomprendi *freedom of religion*;

Huwa evidenti illi l-leġislatur tagħna deliberatament issostitwixxa *freedom of religion* bir-*religious worship* biex ma jikkozzax mal-provvedimenti fil-Kostituzzjoni li jagħtu lill-Knisja Kattolika f'Malta qagħda preferenzjali;

Mhux biss il-Konvenzjoni Ewropeja tiddistingwi bejn *freedom of conscience* u *freedom of relligion*, iżda *Kostituzzjonijiet kollha jenunzjawhom bħala drittijiet distinti.* Għaldaqstant l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta enunzjat dak il-prinċipju u għalhekk il-premessa tagħha biex ammettiet lil

Dun Ġorġ Grima hija vvizzjata";

Rat ir-risposta ta' l-appellat li biha talab li dina l-Qorti tiċħad l-appell ta' l-intimandi u tikkonferma d-digriet ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti mogħti fit-22 ta' Awissu, 1984 - bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati appellanti - wara li ġie sottomess fl-istess risposta:

"Illi f'materja ta' ammissibilità ta' provi l-Qorti ta' Sekonda Istanza ma tiddisturbax il-ġudizzju diskrezzjonali ta' l-Ewwel Qorti dwar l-ammissibbilità ta' provi jekk mhux f'każi estremi ta' inġustizzja manifesta;

Illi sewwa ddeċidiet l-Ewwel Onorabbli Qorti meta ppremettiet id-domanda impunjata lix-xhud Reverendo Fr. Ġorġ Grima;

L-impostazzjoni tal-kwistjoni hija s-segwenti:

L-esponent qiegħed jinvoka rimedju għall-ksur ta' l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni (u oħrajn li mhumiex relevanti għall-fini ta' dana l-appell;

L-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni jipproteġi l-libertà tal-kuxjenza u tal-qima, liema żewġ drittijiet flimkien huma universalment magħrufa, fid-dottrina kostituzzjonali, bħala "d-dritt tal-Libertà Reliġjuża";

Id-dritt tal-libertà reliġjuża jinkludi diversi drittijiet. Ewlieni fost dawn id-drittijiet, meta jirreferixxi għal xi reliġjon, jew denominazzjoni reliġjuża, huwa d-dritt li dik ir-reliġjon stess tiddikjara li, mingħajr inġerenza ta' ebda awtorità, x'inhu t-twemmin tagħha;

Il-Knisja Kattolika, bħal kull reliġjon oħra, għandha d-dritt (li jifforma parti mid-dritt tal-libertà reliġjuża) li tiddikjara hi stess x'inhu t-twemmin tagħha. La l-Qrati u anqas ebda awtorità oħra m'għandhom il-jedd jiddikjaraw x'inhu t-twemmin ta' xi reliġjon partikolari. Il-Qorti għandha tieħu x'inhu t-temmin tal-Knisja, mingħand il-Knisja nnifisha. Dan huwa l-ewwel fondament tad-dritt tal-libertà reliġjuża;

X'inhu t-twemmin tal-Knisja Kattolika (jew ta' kull knisja oħra) ma jridx jirriżulta la minn Periti nnominati mill-Qorti u anqas minn xi forma oħra ta' prova. Kull Reliġjon għandha d-dritt li tiddikjara hi stess x'inhu t-twemmin tagħha - fil-każ in ispeċje, fil-kamp ta' l-edukazzjoni;

Huwa skorrett u żvijanti li tasserixxi li l-esponent ried jipproduċi lil Fr. Grima bħala espert *ex parte*. L-esponent inkariga lil Father Grima biex jagħti lill-Qorti x'inhu t-tagħlim tal-Knisja Kattolika dwar l-edukazzjoni - mhux bħala espert tal-Qorti, imma bħala persuna li, għall-preparazzjoni u studji tiegħu, l-esponent jikkunsidra idonea biex tagħmel dan;

Ir-rilevanza tad-domandi li għandhom isiru lil Father Grima hija manifesta. Huma l-bażi ta' l-azzjoni ta' l-esponent, a rigward ta' l-artikolu 41 jekk jiġi miċħud lill-esponent id-dritt li jesprimi dak li huwa tagħlim tar-reliġjon kattolika dwar l-edukazzjoni, din iċ-ċaħda tkun fiha nnifisha, vjolazzjoni oħra *tad-dritt kostituzzjonali tagħha tal-libertà reliġjuża;*

Il-Qorti ma għandha ebda mod ieħor li tistabbilixxi x'inhu t-tagħlim ta' xi reliġjon a rigward ta' xi materja, ħlief biex issaqsi dan lil dik ir-reliġjon stess. Jekk tipprova tissostitwixxi dan il-mezz b'xi ieħor, tkun qed tużurpa għaliha nnifisha funzjoni li hija m'għandhiex u li hija affidata esklussivament u ġelożament lil kull reliġjon. Il-Qorti mhux il-kustodja tat-

taghlim tar-reliġjonijiet. Jekk trid taf x'inhu t-taghlim ta' l-*Induismu dwar xi materja, issaqsi din id-domanda lir-reliġjon* Indu! Jekk trid taf x'inhu t-taghlim tal-Presbiterjani, issaqsi lill-Presbiterjani!

Finalment, hija ukoll inġerenza indebita fil-funzjonijiet ta' l-esponent li tipprova tiddeċidi ghalih u minfloku min ghandu *jibghat biex jesponi lill-Qorti x'inhu t-taghlim tal-Knisja dwar* xi materja partikolari. L-esponent ghażel min, fil-ġudizzju tieghu, hija l-persuna l-aktar idonea. Ebda awtorità ohra ma ghandha tissostitwixxi l-ġudizzju tieghu dwar l-idoneità ta' l-ghażla tieghu;

*Rat l-atti l-ohra kollha rilevanti tal-kawża;*

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri;

Ikkunsidrat illi l-prinċipji li qeghdin fil-bażi tal-materja in kawża huma: l-ewwelnett l-artikolu 559 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15) li jghid:

"Il-Qorti ghandha tiċhad li tinġieb kull prova li jidhrilha li mhix rilevanti jew li hija żejda, jew li mhux l-ahjar prova li l-parti tista' ġġib";

Kif ukoll l-atteġġjament li l-Qorti taghna dejjem hadu in materja. Dan l-atteġġjament kien ikkunsidrat mill-ġdid u mtenni minn din il-Qorti, diversament ikkostitwita (J.J. Cremona, M. Caruana Curran, V.R. Sammut) fil-5 ta' Mejju, 1975, in re **Harold Scorey** ***vs*** **Joseph Avellino** ***noe*** (Deċiżjonijiet Kostituzzjonali, 1964 - 78, p. 413, f'p. 418) fejn kien intqal:

"F'materja ta' rilevanza jew superfluwità ... Skond il-

ġurisprudenza patrija Qorti tat-tieni grad *bħala regola ma* tiddisturbax ir-regolament tal-Qorti ta' l-ewwel grad jekk mhux għal xi motivi gravi ... (ara per *eżempju*, Kol. Vol. XXVIII.I.344 u XXXVIII.I.230);

Dik il-Qorti żiedet:

"li ġie li ġie deċiż (ara per eżempju, Kol. Vol. XXX.I.737) f'termini li jidhru assoluti li f'materja ta' rilevanza ta' xhieda Qorti tat-tieni grad ma tistax tindaħal fid-diskrezzjoni ta' dik ta' l-ewwel grad, *iżda din il-Qorti tippreferixxi tħaddan il-veduta* iktar temperata imma fl-istess ħin raġonevolment kawta li qiegħda hawn titħaddan" (*ibid.*);

Din il-Qorti kif ikkostitwita llum *iżżd biss li hija ta' l-*istess fehma u ċjoè li l-Qorti tat-tieni grad ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti *ta' l-ewwel grad jekk mhux biss għal* motivi gravi; u dan billi l-kliem testwali ta' l-artikolu tal-liġi ċċitat jagħti diskrezzjoni soġġettiva *lill-Qorti, u, kif inhu* magħruf, id-diskrezzjonijiet soġġettivi kollha, inklużi dawk imħollija f'idejn l-Esekuttiv, mhumiex *sindakabbli mill-Qorti* ħlief għal motivi gravi, meta u fejn dawn jistgħu japplikaw;

Ikkunsidrat illi minn dan isegwi, li biex appell ikun sostnut, *din il-Qorti trid issib li hemm motivi gravi għaliex hija* għandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad. Issa, s'issa kull *ma għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti kien dak li* ppremettiet il-produzzjoni ta' xhud, Fr. George Grima, u għad ma urietx il-fehma tagħha, *li b'xi mod tistrieħ fuq dik ix-xhieda* b'għanjnejha magħluqa. Konsegwentement, għad ma hemm ebda motiv - la gravi, lanqas ħafif - *għaliex din il-Qorti għandha* tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, iktar u iktar li l-kontendenti waslu biex qablu fit-trattazzjoni abbli li saret quddiemha li m'hemmx dubbju li d-dritt fondamentali

kkontemplat fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni jintitola lil min ikun qed jilmenta minn ksur ta' dak id-dritt li jkollu l-fakoltà li jipprova hu t-twemmin tiegħu x'jinvolvi u li l-Qorti għandha tikkunsidra l-kwistjoni tat-twemmin bħala waħda ta' fatt. Isegwi, allura li kwistjoni bħal din, skond il-liġi, hi determinabbli a bażi ta' xhieda *viva voce* bħal kwalsiasi kwistjoni oħra ta' fatt, u allura ma tidħirx il-ħtieġa li din il-Qorti, f'dan il-każ, u f'dan l-istadju, tidħol fil-kwistjoni li daħlet fiha l-Ewwel Onorabbli Qorti ta' x'*jinkludi preċiż l-artikolu 41* tal-Kostituzzjoni - liema kwistjoni qed titħalla impreġudikata kompletament. Kien spjegat ukoll li l-kelma "espert" użata biex tikkwalifika lil Fr. Grima qatt ma kellha t-tifsira ta' perit fis-sens tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15); iżda sempliċement ta' persuna kkwalifikata tajjeb fil-*materja li studjat u li l-kwalifiki tiegħu ssemmew biex il-Qorti* tkun megħjuna fl-apprezzament li kellha tagħmel tax-xhieda. Il-Qorti tosserva li jekk din hijiex l-aħjar prova jew le, hija kwistjoni ta' apprezzament li l-Ewwel Qorti trid tagħmel, tenut kont bħal dejjem tal-fatt illi l-provi li jipproduċi r-rikorrent appellat huma fil-kontroll preliminari tiegħu u mhux ta' l-intimat appellant; daqskemm hu veru ukoll li r-rikorrent appellat ma għandux dritt jindaħal fl-għażla tax-xhieda li jagħmel l-intimat appellanti biex isostni t-teżi tiegħu, salv dejjem il-provvedimenti tal-Kodiċi tal-Proċedura; u del resto x-xhieda hijiex l-aħjar xhieda jew le, f'każ bħal dan jista' jkun determinat biss wara u mhux qabel id-deposizzjoni tax-xhud. Għalkemm ġerarkikament ir-rikorrent appellat bħala persuna fil-kariga jew offiċċju li għandu huwa wisq superjuri għal dik tax-xhud imressqa minnu, m'hemm xejn fil-liġi li jista' jimpedih milli jtella' xhud li l-ispeċjalità tiegħu qiegħda fil-qasam li fuqu ser jiddeponi. Bħal kwalsiasi kap ta' soċjetà - huwa l-istess kap li jrid jara min fl-aħjar interess tas-soċjetà għandu jixhed fuq xi qasam partikolari tagħha. Ovvjament, ix-xogħol spiritwali, *bħax-xogħol materjali jitlob id-division of labour*. anzi, jekk jixhed ir-rikorrent fl-interess tal-kuxjenza

kattolika li tagħha huwa l-protettur ewlieni fil-pajjiż, tista' tinħoloq l-impressjoni li hu qed jixhed a bażi ta' *Cicero pro domo sua*. Il-mandat mogħti lix-xhud biex jixhed u t-termini li fihom *għandu jixhed għandhom jinftehmu kif kien sottomess* għar-rikorrent appellat fis-sens li x-xhud jixhed bil-beneplaċitu tiegħu billi l-prova tat-twemmin tal-kuxjenza kattolika trid issir minnu *kif diġà ntqal u t-termini li fihom* għandu *jixhed* huma neċessarji li jkunu stabbiliti almenu f'linji ġenerali, xejn xejn biex ix-xhud jiddeponi fuq il-posizzjoni attwali kontemporanja tat-twemmin tal-kuxjenza kattolika u ma jixhedx dwar xi pożizzjoni li tista' tkun biss ta' interess akkademiku storiku; billi, per eżempju, jillimita ruħu għat-twemmin fi żmien partikolari f'xi perijodu determinat ta' l-istorja tal-Knisja Kattolika li ma jkunx dak kontemporanju u attwali. *Ix-xhud kien* mistieden jibbaża r-risposta tiegħu fid-dawl "tant tad-dokumenti pontifiċji kemm fid-dawl ta' l-istess dokumenti li jirreferi għalihom hu jkunu esebiti ħalli l-kontroparti u mhux l-inqas il-Qorti jkollha l-possibilità tal-kontroll opportun;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, il-Qorti taqta' u tiddeċidi li jidher li ma hemmx motivi gravi biżżejjed li jġigħluha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad dwar id-deċiżjoni tagħha li tisma' bħala xhud lil Fr. George Grima u f'dan is-sens tiċħad l-appell interpost; bl-ispejjeż kontra l-appellanti.